MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 114/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Camilleri)**
**Vs**
**Mary Grace Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Frar, 2008, ghall-habta tat-7.45 a.m., gewwa r-residenza taghha w cioe' "Shalom", Triq il-Qubbajd, Zebbug :

1. hebbet kontra bintha Josianne Attard ta' 12 il-sena sabiex tingurjaha w iddejjaqaha jew taghmel hsara lil din il-persuna;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghad li kellha l-jedd li twiddeb lil Josianne Attard, harget barra mill-qies;
3. meta kienet fid-dmir li tiehu hsieb it-tifla Josianne Attard, naqset li tiehu hsieb kif jinhtieg ta' Josianne Attard;

4. bla hsieb li tisraq jew taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita’ jedd li tippretendi li kellha, fixklet lil Josianne Attard fil-pussess ta’ hwejjigha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 t’April, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 339(1)(d)(h) u (j) u l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellanti hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni w ghaldaqstant illiberataha minnhom izda sabitha hatja tat-tielet imputazzjoni w illiberataha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahar, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Inoltre wara li rat li r-raba’ imputazzjoni giet irtirata mill-prosekuzzjoni, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ dik l-imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-24 t’April, 2008, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha timmodifika w tvarja s-sentenza appellata w dan billi filwaqt li tikkonfermaha safejn ma sabitx lill-appellanti hatja w illiberataha mill-akkuzi numru 1 u 2, thassaraha w tirrevokaha in kwantu sabitha hatja tat-tielet akkuza w dan billi allura tilliberaha minn kull piena w imputazzjoni rigwardanti din l-akkuza.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li mhux minnu li l-appellanti ma haditx hsieb tat-tifla Josianne Attard ghax hi lit-tifla ma naqsitha f' xejn, la mill-ikel, la mill-ilbies, la mill-hasil u lanqas minn kull haga ohra li tista' taqa' fid-definizzjoni ta' kura safejn jirrigwarda l-obbligu tal-genitur li jiehu hsieb uliedu. Minkejja li ma rrikorrewx l-estremi guridici ta' dan ir-reat, l-Ewwel Qorti sabet lill-appellanti hatja tat-tieni akkuza fis-sens li meta kien fid-dmir taghha li tiehu hsieb it-tifla , ma kienetx kapaci taghmel dan. Dan kien incident u f' ebda hin ma kien antecedenti ghal xi sensiela ta' cirkostanzi li juru lill-

appellanti bhala mara li ttraskurat jew ma haditx kura tal-minuri.

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Li mix-xhieda mismugha jirrizulta li fit-3 ta' Frar, 2008, inqala diverbju bejn l-appellanti w bintha Josianne ta' tnax il-sena ghax fil-waqt li l-appellanti riedet lil bintha tohrog maghha, bintha ma rieditx ghax l-omm kienet ser tkun akkumpanjatha mill-*boyfriend* taghha Frans. Meta mietilha n-nannu dan Frans kien qaghad jiddiehaq bih u hi ma baqatx tiehu grazzja mieghu. Skond bintha, l-appellanti ssuppervjat u bdiet tghid : *"It-tfal tan-nies ihobbuni aktar minnkom."* u keccietha 'l barra. It-tifla xehdet li tghix ma missierha u l-*partner* tieghu w ilha hekk mit-3 ta' Frar, 2008. Qalet ukoll li l-omm tahdem bhala *cleaner* u meta tigi mix-xoghol tmur torqod. Ma tantx tahsel. Il-mara li tghix ma missierha tiehu aktar hsiebha mill-appellanti.

Fuq dawn il-provi, li prezumibbilment kienu l-istess li nstemghu quddiem l-Ewwel Qorti, dik il-Qorti lliberat lil-appellanti mil-ewwel imputazzjoni li hebbet ghal bintha w minn dik li harget barra mil-qies fit-twiddib ta' bintha skond it-tieni imputazzjoni, izda sabitha hatha tat-tielet imputazzjoni. Stante li r-raba' imputazzjoni ta' *ragion fattasi* giet irtirata, astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha

Illi r-reat li tieghu instabet hatja l-appellanti huwa dak kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 339 (1) (j), u cioe' dak ta' meta persuna li tkun fid-dmir li tiehu hsieb ta' tfal, tonqos li jiehu hsieb kif jinhtieg ta' dawk it-tfal.

Ikkonsidrat;

Li t-tifla Josianne Attard tidher li nqabdet f' morsa ta' sitwazzjoni matrimonjali xejn felici tal-genituri taghha, fejn missierha, skondha ghandu *partner* w ommha ghandha ukoll habib. Dan ovvjament igib certu attrit bejn il-membri tal-familja w jidher li t-tifla aktar ghandha simpatija ma missierha li tghix mieghu milli mal-omm u ghalhekk wiehed jifhem ghaliex lill-ommha tpingiha b' kuluri pjuttost skuri.

Kif tajjeb issottomettiet l-appellanti pero' mill-provi jirrizulta li kien hemm incident wiehed u dan gie in gran parti pprovokat mir-rifjut tal-istess tifla li tohrog ma ommha dak in-nhar. Anki jekk hu minnu dak li tghid it-tifla li ommha bir-rabja keccietha 'l barra, anki jekk dan mhux agir lodevoli w prudenti, konsiderando li t-tifla kellha fejn tmur toqghod u cioe' ghand missierha, fejn fil-fatt qed toqghod, dan l-agir fil-fehma ta' din il-Qorti ma jikkostitwix l-element materjali tar-reat kontravvenzjonali in meritu.

Din il-kontravvenzjoni tirraviza cirkostanzi fejn il-genitur ikun qed jittraskura lill-uliedu billi ma jitmaghhomx u/jew ma jlibbishomx u/jew ma jikkurahomx u/jew jabbandunhom ghal rihom. Ma jirrizultax li dan sar fil-kors tal-incident qasir li sehh fid-data imsemmija fic-citazzjoni w lanqas ma jirrizulta li kien qed isir entro l-periodu preskrittiv tal-kontravvenzjoni.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellanti jidher gustifikat u qed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellanti hatja tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni w fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba imputazzjoni li kienet giet irtirata mill-prosekuzzjoni, w tirrevokaha fejn sabitha hatja tat-tielet imputazzjoni w fejn illiberatha bil-kondizzjoni li ma taghmel ebda reat ghal xahar ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta w minnflok, tillibera lill-appellanti ukoll mit-tielet imputazzjoni w minn kull provvedment relattiv taht l-artikolu 22 tal-Kap.446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------